# Kunsill Lokali Safi,

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbgħin (40) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2009, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |
| | Skużat: Publius Abdilla | Deputat Sindku |

1. **Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Sindku, Pietru Pawl Busuttil informa lill-kunsillieri li kien sar **appuntament ma' l-Ispettur Anthony Portelli** fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali sabiex jattendi din il-laqgħa minħabba l-preokkupazzjonijiet tal-KLĦS li għandu dan l-aħħar b'persuni ta' kondotta ħażina jgħixu saħansitra fil-lokalita' tagħna. Madankollu din hija laqgħa ta' kuntatt kontinwu li jinżamm bejn il-Pulizija u l-KLĦS. Din il-laqgħa mal-ispettur damet sas-6.20pm u huwa rringrazzja lill-kunsillieri tal-laqgħa li kellhom miegħu.

3. Id-DSE beda jaqra l-**minuti** tas-seduta preċedenti li dawn kienu **koreġġuti, approvati u ffirmati** filwaqt li telgħu il-punti mill-minuti.

4. Dwar il-**bankina** msemmija fis-seduta preċedenti li kienet talbet li tinqala' u tkun kostruwita mill-ġdid minn Ms Doris Damato, is-Sindku qal li hija ħasra li din tinqala' għaliex hija perfetta. Madankollu hu ppropona li eżattament wara l-laqgħa l-kunsillieri jakkumpanjawh fi żjara fuq il-post għaliex hu sostna li r-rampa li hemm hija difettuża u mhux il-bankina. Peress li r-rampa hija xi ħaġa privata, mhux ta' min jaqbad u jibdel minn jeddu, minkejja li jemmen li jekk din tinbidel tissolva l-problema ta' l-ilma tax-xita li joqgħod f'għadira kbira.

5. Dwar il-***litter bins*** li ġew maħruqa u **vandalizzati** fil-ġnien Dun Karm Vella, is-Sindku qal li 'l dawk iż-żgħażagħ li ħarquhom se nitolbuhom €70 kull wieħed, wara li ħa l-fehma tal-kunsillieri f'dan ir-rigward, biex ikunu ħallsu ta' għemilhom u nagħtu eżempju.

6. Waqt li għaddej **ir-restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp,** ir-restawratur ġie avviċinat minn bosta persuni sabiex jerġa' jisbogħ l-isfond ta' din in-niċċa ċelesti kif kien oriġinalment. Dan il-kulur, se jkun qed jieħu post dak kannella skur li hemm preżentement u li jrid jitqaxxar. Il-kunsillieri kollha qablu fuq din għaliex b'hekk tkun tixbah lix-xbiha oriġinali kif kienet diversi snin ilu. Hu maħsub li

fuqha jintefa' *spot light* ħalli l-figura ta' San Ġużepp tispikka anke fid-dlam. Kienu diskussi dettalji oħra bħal qasma fin-nofs ta' l-istatwa kif ukoll l-iskrittura li se tkun mitluba lil sid id-dar li magħha tinsab in-niċċa ħalli nwaħħluha mill-ġdid.

7. Dwar il-***hoarding wall*** imsemmi f'diversi laqgħat ta' dan il-Kunsill fix-xhur li għaddew, intqal illi issa li għandna l-kejl ta' l-art okkupata minn sid il-post ta' kostruzzjoni f'Tal Marruxa, seta' jinħadem il-kont u dan se jiġi mibgħut lil persuna konċernata. Dan se jintbgħat b'posta reġistrata u se nagħtuħ iż-żmien sakemm jitħallas jew ta' l-inqas jikkontestah uffiċjalment.

8. Dwar il-propost **banner tad-drapp tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** li se jkun jista' jintrema barra speċjalment waqt xi attivita', aħna infurmati li dan tlesta. Din il-kumpanija se naraw hux possibbli li tagħmel stampar fuq il-*perspex* ukoll in vista ta' dak li għandna f'moħħna li jsir, jiġifieri il-mappa ta' Ħal Safi.

9. Dwar ix-xewqa li **rappreżentanza tal-Kunsill iżżur il-parti tar-runway** viċin il-Karwija bil-għan li tiġi eliminata l-problema ta' l-ilma tax-xita miġbur f'għadira hemmhekk, jirriżulta li l-persuna inkarigata hija is-Sur Ivan Zahra. Din iż-żjara hu mifhum li se sseħħ fil-jiem li ġejjin.

10. Reġa' kien diskuss is-***security alarm*** **tal-librerija pubblika** li hu mqabbad ukoll mal-iskola. Hawn kien sostnut dak li ntqal fis-seduta preċedenti, illi jekk jerġa' jdoqq, il-Kunsill mhux se jirrapporta lil fornitur hu stess, biex ma jkunx hemm aktar problemi dwar min għandu jħallas tal-ħsarat ecc. Is-Sindku u l-Kap ta' l-Iskola reġgħu tkellmu dwar dan is-suġġett fil-jiem li għaddew.

11. **It-tabelli tat-traffiku (*one-way*)** li ssemmew mill-Viċi Sindku għadhom ma nqalgħux għal raġunijiet li nkella din tista' tinkiser. Madankollu s-Sindku laħaq arranġamenti sabiex dawn jinqalgħu minn ħaddiema li qed jaħdmu fuq is-sit privat tal-kostruzzjoni, biex fil-frattemp ix-xufiera jkunu jafu bl-istess tabelli tat-traffiku.

12. Minkejja li għamilna kuntatt mal-Korporazzjoni Enemalta, u dawn anke kitbulna lura, għadna ma nafux jekk ir-**rati tal-bejgħ u tax-xiri ta' l-elettriku** hix l-istess. Dan jgħodd għall-pannelli fotovoltaiċi. Minkejja li dawn semmew l-industrija, Eddie Bonello qal li dawn l-arloġġi jaqraw biss il-konsum u ma' jagħmlu l-ebda differenza jekk dan isirx bil-lejl jew bin-nhar kif telenka l-istess korrispondenza mibgħuta lilna minn Ms Antoinette Zahra.

13. Il-kont tal-**isqaq tal-Karwija** li ngħata t-tarmak mill-Kunsill, kien ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill, Robert Musumeci. Id-differenza bejn il-kont bażat fuq il-kejl tal-kuntrattur u dik ta' Robert Musumeci hija biss ta' €6.

14. Mis-seduta preċedenti sal-llum saru r-***road markings*** **tal-*parking bays*** fi Triq Dun Karm Vella, kif ippropona l-kunsillier Jerome Busuttil.

15. Il-**laqgħa** li kienet proposta bejn il-KLĦS u s-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, għal għada 2 ta' Ottubru, 2009, kienet **posposta għal nhar is-16 ta' Ottubru, 2009,** peress li Dr Said inqalgħetlu xi ħaġa urġenti.

16. Mill-korrispondenza inqrat l-ittra ta' Ms Nadia Mifsud tat-23 ta' Settembru, 2009 li kienet tikkonċerna **inċident bil-vettura tagħha li seħħ fil-15 ta' April, 2009**, fi Triq il-Ħajt Ruman. Meta l-KLĦS kien qed jagħmel *patching* permezz tal-kuntrattur tiegħu f'din it-triq, dik il-ħabta, l-kuntrattur jidher li ħalla xi ħofra kbira temporanjament sakemm jagħlaqha u l-ħsarat fil-vetturat ta' Ms Mifsud seħħew għax ma kienx hemm indikazzjoni ta' din il-ħofra. Il-vettura raha ukoll il-kunsillier Francis Callus u kemm il-kunsillieri Jerome Busuttil kif ukoll Eddie Bonello qablu li l-kont ta' dawn l-ispejjeż jgħaddu fuq Polidano Bros li naqas milli jpoġġi sinjal. Dwar dan il-każ Jimmy Busuttil qal li jmissna niktbulha u ngħidula li issa għadda wisq żmien, minkejja li Ms Mifsud ikkwotat (ħażin) lill-iskrivana tal-KLĦS, Ms Dorianne Zammit peress li din tkellmet ma' Pulizija li ċemplilha mill-Għassa taż-Żurrieq. Intant is-Sindku se jkellem lil Perit Cachia tal-kuntrattur Polidano Bros dwar dan l-inċident.

17. Dwar l-**ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**, se naraw x'pariri se jtuna kemm l-ETC kif ukoll id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG) peress li issa ikkonfermalna Dr Noel Calleja, il-persuna indikata lilna mill-ETC, li huwa nteressat jaħdem *part time*. L-avviż se joħroġ pubbliku mill-ewwel u mhux intern għaliex kunsill li kien għamel dan (ħareġ avviż intern) kien mitlub jirtirah mid-DLG. Is-Sindku qal li hu mhux tal-parir nintervistaw lil Dr Noel Calleja waħdu u dan għandu jiġi ntervistat flimkien ma dawk li jkunu jixtiequ jimlew il-vakanza minn barra.

18. Dwar il-każ ta' **l-eks-Segretarju Eżekuttiv**, is-Sindku qal li sfortunatament għadna ma wasalniex li nagħmlu dan il-ftehim għand in-nutar. Minnbarra li l-avukat Montalto li qed jiddefendi lil Jason Cutajar, qal li kellu ħafna x'jagħmel minħabba xi ġuri li kien għaddej, minn informazzjoni li għandu l-KLĦS intqal li kemm Jason kif ukoll Dr Montalto ma qablux ma' l-ewwel żewġ paragrafi tal-ftehim propost minn Dr Cherret. Is-Sindku qrahom lill-kunsillieri matul din is-seduta, u dwarhom intqal mill-kunsillieri, li l-avukat ta' Cutajar irid it-tneħħija tagħhom biex joħloq dubji fuq il-każ. Is-Sindku qal li mhix ta' l-istess ideja Dr Cherret, minkejja li l-ebda kunsillier ma jrid li jitlef kollox minħabba dawn l-istess paragrafi. Barra minn, is-Sindku qal li Cutajar għandu diffikulta' biex iħallas l-interessi. Għal dan il-kliem Jerome Busuttil qal li hu mhux komdu jiddeċiedi mingħajr mal-viċi Sindku jesprimi l-ideja tiegħu peress li llum hu skużat minn din il-laqgħa. Anzi huwa qal li ma jaqbilx li dawn iż-żewġ paragrafi jitneħħew. Kienu ta' l-istess ideja Francis Callus kif ukoll Eddie Bonello. Hawn intqal li bl-aċċettazzjoni ta' Dr Montalto u Jason Cutajar ta' dawn iż-żewġ paragrafi, għandu mnejn li aktar 'il quddiem jirriżulta li bihom Jason Cutajar ikun inkriminat peress li tissemma' l-investigazzjoni finanazjarja kif ukoll ir-rapporti ta' Busuttil & Micallef. Għaldaqstant, se naraw niltaqgħux għal darb'oħra kollha flimkien fil-preżenza ta' Dr Cherret u l-viċi Sindku.

19. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* numru 32.

20. Dwar il-**ġbir ta' l-iskart** imħallat minn wara l-bibien tar-residenti, intqal illi jinħtieġ li tinġibed l-attenzjoni ta' Joseph Zammit, il-kuntrattur, għaliex dan jidher li għandu xi difett u waqt li jagħsar l-iskart, qiegħed iqattar likwidu mit-trakk. Jimmy Busuttil qal li dan jinħtieġ li jirranġa t-trakk aktar milli jkun mitlub li jmur jagħsar post ieħor.

21. Is-Sindku ressaq proposta biex issir **bankina ma' l-Istatwa ta' San Ġwann** fi Triq Ħlantun kantuniera ma' Triq San Ġorġ. Din il-proposta għaddiet unanimament biex tkun aktar protetta l-istess statwa.

22. Proposta oħra mressqa mis-Sindku, kienet dik ta' **żebgħa tal-*parking bays***, ma' ħajt ta' għalqa fi Triq Bieb il-Garra. Dwar dan intqal illi irridu naraw kif se nagħmlu t-*traffic calming measures* f'din iz-zona. Minkejja din il-proposta, jirriżulta li diġa' hemm biżżejjed spazji fejn jipparkjaw. Fi tmiem il-laqgħa, l-kunsillieri ftiehmu li jmorru jaraw dan is-sit ukoll, ħalli jkunu aktar infurmati qabel ma tittieħed deċiżjoni.

23. L-aħħar proposta tas-Sindku kienet għal **xiri ta' żewġ sopraporti** għall-uffiċċju tiegħu, liema talba intlaqgħet unanimament.

24. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni biex **jinxtraw kotba** minn għand il-Merlin Library ħalli jitpoġġew fuq l-ixkafef tal-librerija. Dan il-ħlas mhux se jeċċedi l-ammont ta' fondi li ingħatajna dan l-aħħar mill-Gvern Ċentrali biex appuntu jiġu nvestiti għal dan il-għan.

25. Dorianne Zammit ippreżentat *break down* maħdum minn Dorianne Zammit Briffa, il-ko-ordinatur Skola Sajf, dwar l-andament finanzjarju ta' **Skola Sajf 2009**. Hawn jirriżulta li kien hemm bilanċ żgħir favorevoli filwaqt li se jkun aċċertat illi fil-kalkulazzjonijiet ittieħdu għall-konsiderazzjoni żewġ persuni li fil-fatt il-KLĦS kien tahom refużjoni għall-ħlas tagħhom peress li dawn ma xtaqux jattendu.

26. Talba oħra informali mill-*coach* tan-nursery Omar Schembri, li twasslet mal-iskrivana fi ħdan il-Kunsill kienet dik ta' ***banner*** bil-ħsieb li titpoġġa max-xibka tal-pitch tal-futbol. Dan għaliex ma teżisti l-ebda tabella li turi li f'Ħal Safi hawn nursery u propoju għada se jibda t-taħriġ.

27. Francis Callus kien mitlub iġibilna kwotazzjonijiet għall-**xiri ta' ġeneratur** biex ikun jista' jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

28. Fuq talba ta' Jimmy Busuttil, id-DSE intalab jgħid jekk daħlitx it-**tielet *tranche* tal-fondi governattivi fil-kotba tal-Kunsill.** Hu qal li dwar dan għandu jiċċekkja għaliex jirriżultalu li l-ewwel waħda daħlet ferm wara li kien beda x-

xahar ta' April, 2009, u llum għadna fl-ewwel ġurnata tiegħu u għadhom ma ħarġux l-*istatements* tal-bank.

29. Il-**laqgħa ntemmet fid-9:10pm** u dik li jmiss se tinżamm nhar l-10 ta' Ottubru, 2009 fis-6:00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 14/10/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku